*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,112, 19 ta' Mejju, 1995*
*Taqsima C*

# Nru. 135

19. 5. 1995

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Josef Bonnici, M.P., Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi f'isem l-Onorevoli John Dalli, M.P., Ministru tal-Finanzi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-15 ta' Mejju, 1995.

**ATT biex jawtorizza li s-somma ta' mhux iżjed minn tnejn u tletin miljun u hames mitt elf lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-defiċit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1994.**

RICHARD J. CAUCHI

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Josef Bonnici, M.P., Minister for Economic Services on behalf of the Honourable John Dalli, M.P., Minister of Finance, and read the First time at the Sitting of the 15th May, 1995.

**AN ACT to authorise a sum not exceeding thirty-two million, five hundred thousand Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1994.**

RICHARD J. CAUCHI

*Clerk of the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI
### msejjaħ

*ATT biex jawtorizza li s-somma ta' mhux iżjed minn tnejn u tletin miljun u ħames mitt elf lira Maltija tinġabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-defiċit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1994.*

IL-PRESIDENT bil-parir, u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqa' f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta s-somma li ma tkunx iżjed minn tnejn u tletin miljun u ħames mitt elf lira Maltija. Setgħa għall-ġbir ta' Self.

(2) Sabiex jinġabar is-self kif intqal qabel, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta skond l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati); u s-self magħmul skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jsir skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova. Kap. 161.

**3.** Kull somma mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u użata biex tagħmel tajjeb għad-defiċit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1994. Skop tas-self.

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz hu li jawtorizza lill-Gvern biex jissellef somma biex tagħmel tajjeb għad-defiċit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1994.

# A BILL
## entitled

*AN ACT to authorise a sum not exceeding thirty-two million, five hundred thousand Maltese liri to be raised in Malta by way of loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1994.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Local Loan Act, 1995.

Power to raise loan.

**2.** (1) Subject to the provisions of this Act, the Government of Malta may raise in Malta by way of loan a sum of money not exceeding thirty-two million five hundred thousand Maltese liri.

(2) For the purpose of raising the loan as aforesaid, the Minister responsible for finance is hereby authorised to issue stock in Malta under the provisions of the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance; and the loan made under the provisions of this section shall be made on such terms and conditions as the said Minister may approve.

Cap. 161.

Purpose.

**3.** Any money borrowed under the authority of this Act shall be appropriated and applied for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1994.

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to authorise the Government to raise in Malta a loan for the purpose of making good the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1994.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 3c — *Price 3c*